TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DECIZJONI NRU. 302

Kaz Nru. 336

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol
bejn
Saviour Farrugia
u
Crown Hotel Sliema
dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta

Data: 25 ta' Marzu, 1988

Chairman: Is-sur Tonio Portughese BA(Hons), MA

VERBAL

Dan il-kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali b'ittra tal-31 ta' Mejju, 1984 mill-Onorevoli Ministru tax-Xoghol u Servizzi Socjali.

It-Tribunal kellu minnufih jidhol fil-mertu dwar teknikament l-imsemmi kaz kienx wiehed ta' "dismissal" jew "redundancy". L-appellant issottometta li r-"redundancy" tieghu fil-5 ta' Ottubru, 1983 ma kinitx gustifikata peress li wara li spicca mill-impieg sab li x-xoghol tieghu qed jaghmlu haddiehor impjegat ma' l-istess lukanda f'kategorija ohra. Gie sottomess ukoll li wiehed iehor li kien Handy-man u gie "redundant" ma'l-appellant, beda jahdem "part-time" minfloku. Fil-granet li ma kienx ikun xoghol l-imsemmi impjegat, kien jidhol haddiehor, u jaghmel ix-xoghol tieghu bhala porter.

It-Tribunal investiga n-natura tal-kaz biex jistabbilixxi l-ewwelnett kienx hemm bazi gustifikata ta' "redundancy" u jekk it-termini legali ta' "redundancy" gewx skrupolozament osservati mill-"employer". Id-Direttur tax-Xoghol xehed li r-"redundancies" saru bi qbil u gew accettati mid-Dipartiment minhabba l-qaghda finanzjarja tal-lukanda. L-istess Direttur stqarr li saret investigazz-

joni minn ufficjali tad-Dipartiment u ma rrizultax li post l-appellant ittiehed minn xi haddiehor.

It-Tribunal sema' diversi xhieda li setghu jikkontribwixxu biex jigi stabbilit jekk il-kaz hux wiehed awtentiku ta' "redundancy".

Din l-analizi preliminarja tikkonferma li teknikament kien hemm "redundancy" implementata skond it-termini tal-ligijiet koncernati. Ghalhekk il-kaz ma jistax jikkwalifika bhala wiehed ta' "unfair dismissal".

TONIO PORTUGHESE
CHAIRMAN

EDWIN SPITERI
SEGRETARJU

/ms